# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 40/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Terry Graham**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Terry Graham talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Frar, 1998 u fl-ahhar tlett xhur qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Terry Graham hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu (anke bl-applikazzjoni tal-beneficcju tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101) ghall-piena ta' tmien xhur prigunerija u multa ta' hames mitt lira (Lm500); dik il-qorti awtorizzat lil hati jirtira mir-registru taghha is-somma ezibita bhala Dokument NA3;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Terry Graham, minnu ppresentat fit-23 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant jaqsam l-aggravji tieghu taht tlett intestaturi: "Dwar il-ligi", "Dwar il-fatti" u "Dwar il-piena". L-aggravji dwar il-ligi u dwar il-fatti in realta` jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` illi l-ewwel qorti, bil-provi li kellha quddiema, ma setghet qatt tasal ghall-konkluzzjoni li l-pussess tal-erojina da parti ta' l-appellant kien taht tali cirkustanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Jinghad mill-ewwel li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors ta' appell, l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, b'ebda mod ma spustat il-piz tal-prova fuq l-appellant (allura imputat) biex juri li l-qratas li kellu kienu ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa car mill-qari tas-sentenza li l-ewwel qorti

kienet sodisfatta, mill-kumpless tal-provi, li l-erojina, mqassma fi hdax-il qartas, li nstabet fil-karozza tal-appellant ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-paragrafu krucjali fis-sentenza appellata huwa s-segwenti:

"Il-Qorti wara ezami rett tal-provi kollha hija tal-fehma li c-cirkustanzi li fihom instabet id-droga li kienet fil-pussess tal-imputat huma tali li **juru li d-droga ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu**. Din il-konkluzzjoni hija bazata fuq zewg fatturi principali u cioe`: (1) **il-mod** kif l-imputat kien qasam id-droga (fi <u>**hdax il-qartas**</u>) u (2) il-**kwantita`** tad-droga misjuba. Il-Qorti tosserva li huwa fatt ben not li d-droga "fis-suq" tinbiegh fi qratas" (emfasi u sottolinear ta' l-ewwel qorti).

L-appellant, apparti diversi argumenti ohra li jressaq 'l quddiem fir-rikors ta' l-appell, jikkontendi li huwa qassam id-droga – b'kollox 0.851 grammi – fi qratas biex ma jhallix dik id-droga f'borza wahda u biex ikun aktar facli ghalih li jikkalkula kemm jiehu kull darba. In fatti fl-istqarrija tieghu lill-pulizija (fol. 6) – in segwitu konfermata bil-gurament (fol. 34, 35 u 56) – l-appellant jghid hekk:

"Jien poggejt id-droga fil-qratas sabiex ma nhalliex id-droga fil-borza f'daqqa u sabiex ma noqghodx niehu mill-borza ghax ma tkunx tista' tikkalkula ezatt"

Din is-silta mill-istqarrija tal-appellant <u>giet riprodotta wkoll fis-sentenza appellata</u>. Dan ifisser li l-ewwel qorti tat il-piz dovut lil din it-tezi ta' l-appellant (cioe` li hu kien qassam id-droga fil-qratas sabiex ikun aktar facli ghalih li juzaha huwa stess u jikkalkula kemm qed jiehu kull darba), <u>izda skartatha</u>. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel qorti f'dan ir-rigward, cioe` id-diskrezzjoni ta' l-ewwel qorti dwar jekk temminx jew le lill-appellant a propositu tar-raguni ghala qassam l-erojina fil-qratas, aktar u aktar meta wiehed iqis li hlief ghal qartas wiehed (li kellu 0.101 g) l-ghaxar qratas l-ohra kellhom fihom droga f'ammonti li juru li l-appellant <u>ma tantx jidher li kellu diffikulta` jikkalkula anke ammonti zghar hafna</u>: 0.063, 0.068, 0.077, 0.084, 0.078, 0.076, 0.070, 0.081, 0.075 u 0.078 grammi (ara r-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, fol. 41 u 42). Din il-precizzjoni fil-kalkolu ta' l-ammont f'kull qartas l-appellant wasal ghaliha minkejja li ghandu ma nstab ebda mizien elettroniku jew mizien ta' xi tip iehor. Jinghad ukoll li fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li wara li ppakkja l-erojina fil-qratas huwa kien sejjer "…aktarx lejn il-gabbana tar-Rabat". Frankament din il-Qorti tara li aktar krucjali mill-ammont totali ta' droga misjub (kif inghad 0.851 grammi, li kien ammont pjuttost zghir), huwa l-fatt li l-istess droga tqassmet b'tant precizjoni fi hdax-il qartas, kif ukoll il-fatt ta' fejn kien sejjer l-appellant li kieku ma twaqqafx mill-pulizija. Ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod jissostanzja dak allegat fir-rikors ta' appell, u cioe` li hu kien igorr id-droga mieghu biex ma jsibuhiex jew ma jarawhiex membri ohra tal-familja tieghu li maghhom huwa kien jghix – fil-fatt anqas jirrisulta ma' minn kien jghix.

Kollox ma kollox, din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li l-erojina misjuba ghand l-appellant ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel qorti jekk

tkun tal-fehma li dik il-qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tvarja biss dik pekunjarja, u dan sabiex wara li l-appellant jiskonta l-piena karcerarja u, kif din il-Qorti tittama li jaghmel, ikun qed isegwi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga, huwa ma jigix infixkel f'dan il-programm. Il-Qorti tosserva in partikolari li l-appellant kien diga instab hati ta' pussess ta' erojina f'Novembru ta' l-1994, meta allura kellu appena tmintax-il sena, u kien tqieghed taht *probation* ghal tlett snin. Jidher, izda, li l-lezzjoni l-appellant ma tghallimhiex, u, minn dak li rrisulta fil-kors tas-smigh ta' dana l-appell, huwa ghadu dipendenti fuq id-droga. Il-Qorti tittama li dan il-periodu qasir li l-appellant ser jaghmel fil-habs iservih kemm biex jiftahlu ghajnejh halli jirealizza x'hemm jistennieh jekk huwa ma jaqtax kompletament id-droga, kif ukoll jghinu sabiex ghall-anqas jibda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga. S'intendi tali programm ma jkun ta' ebda utilita` jekk l-appellant ma jurix minimu ta' kooperazzjoni u determinazzjoni li jeghleb il-problema li ghandu.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (a) thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' hames mitt lira, u minflok tikkundannah multa ta' mitejn lira (pagabbli din il-multa b'rati mensili ta' ghaxar liri, bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar, 2002, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali u bil-konsegwenzi l-ohra kollha msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 14 tal-Kodici Kriminali f'kaz ta' nuqqas ta' pagament anke wiehed biss); u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil bqija.

Il-Qorti fl-ahharnett tordna komunika immedjata ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs sabiex ikun jista' jiehu konjizzjoni ta' dak li nghad dwar il-possibilita` li Terry Graham jibda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga fiz-zmien li huwa jkun il-habs.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur